MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 989/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Anthony Agius**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 7 ta` Ottubru, 2013;

Talli nhar is-6 ta` Ottubru, 2013 għall-ħabta tal-22:30 ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel ġewwa r-residenza numru 198, Grouper, Triq Santu Rokku, Birkirkara:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta` ħaddieħor f`periklu ċar, ikkaġuna ferita ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Concetta Agius, martu, liema persuna għandha aktar minn sittin sena.
2. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża` f`Concetta Agius, martu, li se tintuża vjolenza kontiha, kontra wliedha jew kontra l-proprjeta` tagħha.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti biex tipprovdi għas-sigurta għal skop ta' protezzjoni ta' Concetta Agius u tal-familja tagħha taħt l-Artikolu 412Ċ.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 22 tax-xahar t'April 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' Anthony Agius fl-Artikoli 214, 216, 222(1)(a), 222A(1), 251(1) u 251B, kif ukoll 382A, 383, 412Ċ u 533, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjarat li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Ġunju 2014 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ukoll li l-imputat għażel li joffri d-deposizzjoni tiegħu nhar it-23 ta' Ġunju 2014 u għalhekk il-Qorti, wara li semgħet lill-imputat, u wara li stqarr li ma kellux aktar provi x'jipproduċi, semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u għaddiet biex tgħati s-sentenza ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' diversi drabi x-xiehda tal-vitma Concetta Agius. Fil-fatt semgħet lil din ix-xhud fl-14 t'Ottubru 2013, fil-21 ta' Jannar 2014, fis-6 ta' Frar 2014 u reġgħet semgħetha nhar it-23 ta' Ġunju 2014.

L-ewwel darba li semgħetha kienet spjegat id-dinamika tal-inċident li nqala' bejnha u bejn żewġha nhar is-6 t'Ottubru 2013 ċirka 22:30. Hemmhekk, a tempo verġine l-Qorti setgħet tisma' kif l-imputat, fi stat ta' sokor minħabba xorb alkoħoliku żejjed, waqt argument ma' martu, infexx isawwatha b'mod li kkaġunalha offiża ta' natura gravi.

It-tieni darba li semgħetha, jiġifieri fil-21 ta' Jannar 2014, l-istess Concetta Agius stqarret li hija kienet qegħda taħfer lil żewġha u li rieditu jerġa lura d-dar, u dan wara li kien ġie allontanat bis-saħħa t'ordni ta' protezzjoni li kien inħareġ minn din il-Qorti nhar it-30 t'Ottubru 2013. Din l-istess talba kienet tennietha nhar is-6 ta' Frar 2014 meta wara li l-Qorti tagħtha żmien sabiex taħsibha sew jekk taħfirx lil żewġha Concetta Agius hi għażlet li taħfirlu. Biss il-Qorti minkejja t-talba ta' Concetta Agius sabiex il-proċduri jitwaqfu ai termini tal-proviso tal-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali, eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u ordnat il-prosegwiment tal-proċeduri kontra l-imputat. Il-Qorti ħadet din id-deċiżjoni għax rat li din ma kienetx l-ewwel darba li kien hemm argumenti bejn din il-koppja li ssarfu wkoll fi proċeduri ġudizzjarji kontra l-imputat kif tixhed il-fedina penali tiegħu mnejn tirriżulta kundanna datata 21 ta' Ġunju 2011 konsegwenti inġurji u theddid kontra l-istess martu.

Biss meta xehdet fit-23 ta' Ġunju 2014 l-istess Concetta għal darb'oħra tenniet li hija kienet qegħdha taħfer lil żewġha. Il-Qorti rat li l-vitma stess iddikjarat li żewġha l-imputat kien qiegħed jikkontrolla l-vizzju tax-xorb u li kien qiegħed isegwi l-għajnuna li kienet qegħda tagħtih Lorraine Galea mill-Aġenzija Sedqa.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. L-imputat ikkommetta (a) offiża ta' natura gravi (b) fuq il-persuna ta' martu (c) li għalqet l-eta ta' sittin sena.

Biex tiżgura li l-imputat jifhem sewwa sew il-konsegwenzi t'egħmilu il-Qorti sejra tispjega s-segwenti : -

L-ewwel imputazzjoni hija għalhekk kwalifikata bil-kwalifika tal-persuna (li żżid il-piena bi grad) u bil-kwalifika tal-eta (li żżid il-piena bi grad jew tnejn oħra). Dan ifisser li kwantu għall-ewwel imputazzjoni din il-Qorti tista teroga piena kontra l-imputat ta' sitt snin priġunerija effettivi kontra tal-imputat.

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, anke din tirriżulta pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi in kwantu mix-xiehda ta' Concetta Agius nhar l-14 t'Ottubru 2014 din il-Qorti tinsab konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt kien hemm imġieba tali da parti tal-imputat mifruxa fuq aktar minn episodju wieħed li sawwar fil-vitma l-biża li b'riżultat ta' din l-imġieba kienet ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew ta' ħwejjiġha. Anke hawn il-piena hija waħda karċerarja li, dak iż-żmien setgħet titla' sa' sitt xhur priġunerija.

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar x'piena għandha tinfliġġi fuq l-imputat għaliex minkejja l-maħfra ta' martu, l-azzjoni tiegħu mhix traskurabbli. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Youssef Mbarrek" deċiża nhar l-4 ta' Ġunju 2010 mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano fejn intqal ċar illi : -

> Din il-Qorti tibda biex tghid li, kif dejjem affermat, meta si tratta ta’ vjolenza, sew fizika kif ukoll morali, ir-regola ghandha tkun dik ta’ prigunerija b’effett immedjat. Dan japplika wkoll, u b’aktar forza, meta, bhal f’dan il-kaz, si tratta ta’ vjolenza domestika.

Biss, a differenza ta’ dak il-każ, fil-każ odjern, din il-Qorti rat li l-maħfra tal-parte civile ġiet imtennija diversi drabi u kien hemm ukoll ċertu insistenza mill-parte civile li riedet lil żewġha d-dar magħha tant li anke għamlet talba speċifika lil din il-Qorti biex żewġha jerġa lura lejn id-dar wara li kien ġie mill-Qorti allontanat. Din il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif persuna li tkun ġiet imsawta bil-mod kif tixhed il-parte civile tasal li tagħżel li tirtira l-kwerela kontra min ikun weġġagħha anke serjament – donnha twassal il-messaġġ żbaljat li tieħu gost tissawwat. Dan jista’ wkoll iwassal il-messaġġ żbaljat aktar lil min ikun wettaq din l-azzjoni għaliex jaħseb li b’xi mod dejjem jgħaddiha lixxa.

Mill-banda l-oħra l-istess vitma tirrikonoxxi li żewġha għandu bżonn l-għajnuna biex jegħleb il-vizzju tax-xorb u riedet b’insistenza li jibqa’ magħha d-dar. Il-vitma kjarament trid lil żewġha ifiq minn dan il-vizju u li hi ser tibqa’ spalla ma spalla miegħu. Tant li għal domanda skjetta mill-Qorti dwar jekk hija kienetx qegħda taħfer lill-imputat b’deċiżjoni minn jeddha jew hix tibża minn xi ħaġa, l-vitma wieġbet b’mod altrettanto skjett li hija ma kienet qegħda tibża minn ħadd, għandha l-eta tagħha u li ħadd ma jikkmandaha!

Din il-Qorti trid tirrispetta wkoll din id-deċiżjoni tal-vitma u skont ġurisprudenza ċentenarja ta’ dawn il-Qrati sejra tieħu konsiderazzjoni ta’ tali maħfra inkondizzjonata tal-vitma għall-aġir tal-imputat meta tiġi biex teroga l-piena.

Biss mill-banda l-oħra l-Qorti trid, sa fejn tista’, tassigura li l-abbuż mill-alkoħol da’ parti tal-imputat jiġi megħlub u li fil-frattemp l-imputat ikollu deterrent serju milli jerġgħa jikkommetti xi azzjoni vjolenti oħra kontra martu.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċioe' fl-Artikoli 17, 31, 214, 216, 222(1)(a), 222A(1), 251(1) u 251B, kif ukoll 382A, 383, 412Ċ u 533, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputat Anthony Agius ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' sentejn li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien tliet snin mill-lum u wara li l-Qorti tkun ordnat li skont l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali din is-sentenza tibda' fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti spjegat lill-ħati l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-priġunerija u kif ukoll dawk naxxenti mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Anthony Agius kull sitt (6) xhur.

Minbarra dan wara li rat l-Artikoli 412Ċ u 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li jinħareġ ordni ta' protezzjoni u trazzin kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digrieti li qed jiġu annessi ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' tliet snin millum.

Inoltre l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' tliet snin.

Għal kull buon fini l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa ma jottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

***Moghtija illum _______ ta' Lulju 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------